KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 23**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**23.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

23.01.01 Vincent Bonello – Viċi Sindku
Carmen Borg – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**23.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

23.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 23 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament..

**22.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

23.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li t-Tender ta' r-restawr ta' l-istazzjon ta' l-ferrovija għalaq u sa nkunu qed nistennew direzzjoni mid-dipartimenti ta' l-Fondi Ewropej biex naraw il-pass li jmiss.

23.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li kellmuna ta' servizzi.gov.mt u qed jevalwaw iċ-ċans li jmorru f'kumpless kumerċjali , filwaqt li dwar il-berġa ma hemmx aħbarijiet.

23.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-kunsill wasalu feedback tajjeb dwar is-sistema ta' PA bil-mużika fi' Triq il-Kbira San Ġużepp

23.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-alarm fil-kunsill sa teħel fil-ġranet li ġejjien

23.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-Community Police għadom bil-pjan li jibdew f'Ġunju.

23.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil-Kunsill li l-Backdrop għal program lesta, iżda kien hemm suġġeriment li filming jimxi kollox għal iktar tard matul is-sena. Kunsill qabel unanimament.

23.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-bankini ta' Villambrosa lesti

22.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa kunsill li l-għaqda Hamrun Liberty xtaqu jagħmlu l-istatwa ta' San Geajtanu, Fibre, imma kien hemm suġġeriment li issir Bronz. Huwa irrimarka li din tiswa madwar €40,000, għaldaqstant talab lil għaqda biex tinforma kunsill kemm tixtieq toħroġ min din l-ispiża. Kunsill qabel unanimament li nistennew il-proposta ta' l-Għaqda.

23.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li l-persuna li offriet l-għajnuna biex twassal l-anzjani għalissa ninfurmawa li nixtiequ nistenew minħabba sitwazzjoni. Kunsill qabel unanimament.

23.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li t-talba ta' flus li għamlet peruna li qed tallega li waqat minħabba negleġenza ta' l-kunsill ġiet mogħdija lil Insurance kif kien maqbul. Huwa informa lil kunsill l-insurace informawna li ma hemm ebda' provi u għaldaqstant gwidawna biex ninfurmawa. Kunsill qabel unanimament.

23.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-unika residenta ta' Triq San Antnin talbitna biex ma nbidlux l-isem. Kunsill qabel unanimament

23.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lilll-Kunsill li l-periti inkarigati mil-pjan ta' tisbieħ ta' triq Cordina Perez sa jkunu qed ittuna il-propost fil ġranet li ġejjien.

23.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill issotometa l-applikazzjonijiet għal SPI.SCI.2.2021.Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex kif kien maqbul

23.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li għal SPI/SCI/3/2021.Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021, napplikaw għal-Festival ta' ċ-ċikkulata biss minħabba sitwazzjoni. Kunsil lqabel unanimament

23.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li s-survey miġbur mir-residenti ta' triq Duka ta' Edinburgh kien, 15 il-peruna li ma jixtiequx li jinbidel isem u persuna waħda li qablet li jinbidel. Huwa irrimarka wkoll li din kienet l-ewwel triq imsemijja fil-Ħamrun. Kunsill qabel unanimament li ma tinbidilx.

23.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li persuna li kella inċident fll-2017 fi' Triq Kapillan Mifsud fethet kważa l-qorti kontra l-kunsill. Kunsil lqabel unanimament li nkellmu Avukat.

23.03.17 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li intbgħatet ittra biex infakkru il-ħwienet ta' triq il-Franġiskani u Joe Sciberras li huma obblligati jkollhom kuntrattur jiġbor l-iskart tagħhom.

23.03.18 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-kumpanija Waterserves infurmawna li lesti jħallsu l-ispejjeż tagħhom biex titkompla triq Kapillan Mifsud. Huwa qal Kunsill ikun irridt joħroġ €40,000 biex din titlesta kollox. Kunsill qabel unanimament.

23.03.19 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li nitkellmu ma xi periti biex insebħu iz-zona ta' Rabbat. Kunsill qabel unanimement.

23.03.20 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li jekk il-Hamrun Spartans jsiru Champions ta' Malta jsirru xi tizjin biex niċċelebraw dan. **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** qal li huwa diġa għandu xi ideat u sa jkun qiegħed jintaqa ma xi nies miħdla ta' l-karnival biex naraw x'jista jsir. Kunsill qabel li jsir it-tiżjien iżda qabel naraw x'għandu f'moħħu il-klabb, għaldaqstant laqgħa li jmiss issiru disskusjonijiet aħjar.

23.03.21 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa lill-Kunsill li issir diskussjoni ma' l-azzjoni katollika biex il-premises tagħhom fil-Ħamrun jiġi utilizat aħjar. Kunsil qabel unanimament

23.03.22 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li Skips tpoġġew fi' Triq Joe Abela Scolaro u qed issiru diversi inspezzjonjiet mil-LESA. Huwa fakkar li mhux permess li borża titpoġġa ma' l-art fejn skips, u informa lil kunsill li qed jinħargu ċitazzjonijiet. Huwa inotta wkoll li triq is-Sewwieqa qeda tkun nadifa kemm ilu li sar dan il-pass.

**Il-Kunsillier Joseph Cuschieri** irrimarka li persuna avviċinatu għax ġiet imultata minħabba li poġġiet borża ma' l-art fejn skips. Huwa qal li jħoss li mhux ġusta li ma jsirx infurzar fuq kollox kif ukoll mhux kuntent bil modt li qed issir infurzar ma ċertu individwi.

**Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** irrimarkat li hija kuntent li qed issir infurzar.

**Is-Sindku Christian Sammut** irrimarka li illegalita hija illegalita u il-kunsill ta' L-Ħamrun dejjem qabel unanimament li issir iktar infurzar kontra kwalunkwe illegalita.

**23.04 Bye-Law Kiri Propjeta Kunsill**

23.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** poġġa fuq il-mejda abozz ta' Bye-Law li jiregola l-Użu ta' Faċilitajiet u Amministrazzjoni (Kunsill Lokali Ħamrun). (Aness 1)

Il-kunsill qabel unanimament li din tmur għal-konsultazzjoni publika.

**23.05 Financial Statements 2020**

23.05.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-Financial Statments 2020.

Dawn gew approvati unanimament.

**23.06 Applikazjoni Fondi**

23.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li hemm skema għal fondi; Small Grant Scheme Application Form, Guidelines to Applicants, Excel Budget Breakdown and Gantt Chart - 2nd SGS Call co-funded by the Norwegian Funding Mechanism. Huwa apella lil min jista jkollu xi ideat, jaghdijom lil kunsill. Kunsill qabel li tiġi diskussa ahjar fil-laqgħa li jmiss.

23.06.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li hemm skema għal fondi; Proġetti fil-komunitajiet, mil-Aġenzija LESA. Huwa apella lil min jista jkollu xi ideat, jaghdijom lil kunsill. Kunsill qabel li tiġi diskussa ahjar fil-laqgħa li jmiss.

**23.07 Ħanut Triq il-Kbira San Ġużepp**

23.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li ċwievet ta' l-Ħanut fi' triq il-Kbira qedien għand il-kunsill. Huwa issuġerixxa li nibdew ix-xogħol essenzjali li għandu bżonn. Kunsill qabel unanimament

**23.08 Skeda ta' Ħlasijiet**

23.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' marzu, 2021.

**Il-Kunsillier Jurgen Grixti** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issekondat il-mozzjoni**.**

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**23.10 Ħwejjeġ Oħra**

23.10.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li wasal ilment dwar il-bankina ta' Triq Joe Gasan. Huwa ġie informat li l-problema hij mil-modt li huwa mibni il-bini u ftit jista jsir mil-kunsill.

23.10.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li huwa qed jintaqa ma diversi nies dwar l-APP ta' l-Kunsill, fostom ma xi hadt li qalu li l-app tiġi tiswa madwar €715. Huwa qal li sa jkun qiegħed jiġbor iktar informazzjoni u jipreżentahom għad-diskussjoni.

23.10.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** saqsa dwar Track ta' Skola hux miftuħa u jekk hux ha jingħalaq Ġnien Anton Buttiġieġ. Huwa ġie informat li track tinfetaħ meta jiftħu skejjel u li regward il-ġnien, kelllna suġeriment li nħaluh miftuħ għax forsi mhux kull resident għandu aċess għal xi bitħa jew bejt biex jizvoga.

23.10.04 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li wasal ilment dwar ħanut partikolari fi' Triq Ċensu Buġeja li qed joħrog affarijiet fi'Triq. Huwa ġie informat li ħa jsir rapport.

23.10.05 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issuġerixxa lil kunsill li issir xi haġa kommemorativa għas Sinjura Pace li mietet traġikament ġewwa dar tagħha. Huwa qal li dan jista jsir billi zona ta' spazzju miftuħ jiġi msemmi għalija. Huwa qal li diġa kellu diskussjoni ma' l-familjari ta' s-sinjura u dawn ħadu pjaċċir immens. Kunsill qabel li nofrulom oppzjonijiet differenti, Liceo fuq Skola, Bandli Pjazza San Pawl, Ċentru triq il-Kbira San Ġużżepp jew Sala ta' Kunsill. Kunsill qabel li l-Kunsillier Efrem Buttigieg jidiskuti maghhom u tiġi diskussa laqgħa ohra.

**23.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

23.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' April, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 13 ta' April, 2021

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Christian Sammut | Daniel Bugeja |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |